Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,587, 4 ta' Mejju, 2010
Taqsima B

A.L. 255 tal-2010

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kummerċ f'Equidae maħsuba għall-Kompetizzjonijiet u l-Kundizzjonijiet għall-Parteċipazzjoni fihom.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34(e) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kummerċ f'Equidae maħsuba għall-Kompetizzjonijiet u l-Kundizzjonijiet għall-Parteċipazzjoni fihom, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti tal-2003 dwar Kummerċ f'Equidae maħsuba għall-Kompetizzjonijiet u l-Kundizzjonijiet għall-Parteċipazzjoni fihom, hawn aktar 'il quddiem msejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 280 tal-2003.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament (2) tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minnufih wara l-kliem "ma' stati membri." għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "l-Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;";

(b) minnufih wara t-tifsira l-ġdida "l-Att" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "l-Awtorita` kompetenti" tfisser l-Awtorità dwar is-Servizzi Veterinarji f'Malta kif imwaqqfa bl-Att;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "kompetizzjoni" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea kif imwaqqfa bit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;";

(d) minnufih wara t-tifsira l-ġdida "il-Komunità" għandha tidħol din it-tifsira l-ġdida li ġejja:

" "kummerċ" tfisser kummerċ bejn Stati Membri jew bejn pajjiż terz u Stat Membru f'annimali u l-prodotti tagħhom, negozju jew impjieg biex isir profitt jew qliegħ, b'mod partikolari f'bejgħ bl-ingrossa jew bejgħ bl-imnut u tinkludi ftehim f'xi attività ta' negozju partikolari;";

(e) minnufih wara t-tifsira l-ġdida "kummerċ" għandha tidħol din it-tifsira l-ġdida li ġejja:

" "pajjiż terz" tfisser pajjiż li ma jkunx stat membru tal-Unjoni Ewropea;"; u

(f) minnufih wara t-tifsira "pajjiż terz" għandha tidħol din it-tifsira l-ġdida li ġejja:

" "Stat Membru" tfisser stat li jkun membru fl-Unjoni Ewropea.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok is-subregolament (2) tar-regolamenti 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Madankollu, l-obbligi msemmija fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx jaffettwaw l-organizzazzjoni ta':

(a) kompetizzjonijiet miżmuma għal equidae li jkunu reġistrati f'reġistru bir-razez taż-żwiemel tat-tiġrija speċifiku bil-għan li jippermetti t-titjib tan-nisel;

(b) kompetizzjonijiet reġjonali bil-għan li jiġu magħżulin l-equidae; u

(ċ) avvenimenti storiċi jew tradizzjonali. Jekk l-Awtorità kompetenti tkun bi ħsiebha tiddisponi minn dawn il-possibbiltajiet, hija għandha tagħmel din l-intenzjoni u l-ġustifikazzjonijiet għal din l-intenzjoni

disponibbli għal Stati Membri oħra u għall-pubbliku minn qabel.

Għal kull kompetizzjoni jew tip ta' kompetizzjoni l-Awtorità kompetenti għandha tkun awtorizzata li żżomm, permezz ta' l-entitajiet uffiċjali approvati jew rikonoxxuti għal dak l-għan, ċertu perċentwali tal-premju fi flus jew tal-profitti msemmija fis-subregolament (1)(ċ) ta' dan ir-regolament għall-ħarsien, l-iżvilupp u t-titjib tat-tnissil. Il-perċentwali ma tistax taqbeż l-20 % mil-limitu stabbilit fl-1993. Il-kriterji għat-tqassim ta' dawn il-fondi f'Malta għandhom ikunu disponibbli għal Stati Membri oħra u għall-pubbliku.".